MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 784/2008

**Enemalta Corporation**

**Vs**

**Bitmac Works Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2008 fejn il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elfejn, erbgha mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,479.24), tad-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici f'*cable* tal-elettriku proprjeta taghha u liema danni gew kawzati mis-socjeta' konvenuta jew impjegati taghha nhar l-4 ta' Novembru, 2006 gewwa *Parish Street, Naxxar*.

Illi s-socjeta konvenuta' ngunta ghall-hlas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Marzu, 2008 u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-istess ittra sal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta' konvenuta pprezentat risposta taghha fil-15 ta' Dicembru, 2008 fejn eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata filfatt u fid-dritt stante illi l-eccepjenti ma' kkaguna ebda danni lill-Korporazzjoni attrici hekk kif minnha allegat.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba ghall-hlas ta' imghax legali mid-data ta' semplici ittra legali hija kjarament inamissibli.

Fit-28 ta' April, 2009 xehed Joseph Aquilina prodott mill-Korporazzjoni attrici. Huwa jahdem bhala *Technical Officer* u kien *in charge of works* meta tqieghed il-*cable*. Il-*cable* intlaqat ftit gimghat wara li tqieghed. Huwa qal li skond ir-rapport li ghandu l-*cable* ntlaqat mis-socjeta' konvenuta meta kienet qed taghmel *scarifying works* fuq il-post. Huwa spjega illi wara li ntlaqat il-*cable* hu mar fuq il-post mal-Inginier Patrick Gauci u sabu l-*cable* milqut kif jidher fir-ritratti. In kontroezami spjega illi l-*cable* ma tqieghedx mis-socjeta' konvenuta u li kienu thaffru 75cm mill-wicc tat-triq.

Xehed l-Inginier Patrick Gauci li spjega min qieghed il-*cables* u min kien qed jaghmel xoghol ta' *scarifying* fit-triq in kwistjoni. Hu qal illi l-*cable* kien ghadu kif gie mqieghed meta ntlaqat. Qal illi l-*cable* jitqieghed bejn wiehed u iehor daqsxejn inqas minn 75cm u cioe bejn 60 cm u 70cm mill-wicc tat-triq. Fuq dan qal illi kien hu li spezzjona x-xoghol meta kien sar. L-Inginier qal illi l-kuntrattur li gie mqabbad iqaxxar it-triq litteralment ghadda u qaxxar nofs metru mill-wicc tat-triq. F'certi punti ghalhekk laqghat il-*cable* ukoll. Qal ukoll illi f'dan il-kaz ma kinux saru *markings* ta' minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*. Qal illi l-hsara saret f'tul ta' madwar tletin metru.

In kontroezami qal illi ma jaqbilx illi l-*cable* ma kienx uniformi u li dan il-*cable* kien bejn 60cm u 70cm mill-wicc tal-art. Spjega illi jista jkun pero illi l-*cable* ikun ghaddej

minn fuq xi pajpijiet u allura ma jibqax fl-istess livell. Dan ix-xhud ipprezenta sett ritratti fejn f'Dokument PG3 juri li l-fond tal-*cable* huwa ta' 71cm pero t-Tribunal jinnota illi l-kejl ittiehed f'postijiet fejn il-*cable* ma ntaqatx.

Xehed PS 428 fl-10 ta' Dicembru, 2009 li spjega li hu dahhal l-okkorenza tal-incident li sehh fl-4 ta' Novembru, 2006 meta mar jirraporta l-foreman Victor Cini li graw xi hsarat fil-*cables* tal-Enemalta. Il-foreman tas-socjeta' konvenuta Noel Agius spjega illi dan kien minnu pero l-*cables* kienu ghaddejjin madwar nofs pied taht l-art meta suppost ikunu zewg piedi u nofs.

Il-foreman Victor Cini kien mar fuq il-post meta gie nfurmat bil-hsara u ra l-hsara b'ghajnejh. Hu ccekkja jekk kienx ghaddej kurrent imma sab li ma kienx ghaddej kurrent u ghalhekk mar jaghmel rapport fl-ghassa. Hu qal illi l-*cables* kienu godda fjamanti u kienu ghadhom lanqas bdew joperaw. Qal illi l-*cables* kienu xi hamsin jew sittin centimetru taht l-art.

Fit-12 ta' Novembru, 2010 xehed Joseph Aquilina prodott mill-Korporazzjoni attrici li spjega l-prospett tal-materjal li ntuza sabiex isiru t-tiswijiet. Dan il-prospett gie mhejji minn Jacklyn Busuttil li giet ikkonfermatu bil-gurament taghha. Ix-xhud Aquilina qal illi l-*cables* kienu 75cm taht l-art. Huwa qal illi skond il-procedura t-trinka trid tkun 75cm taht l-art. Qal ukoll illi mir-ritratti jidher illi f'certu postijiet il-*cable* jidher illi huwa nieqes pero ma jafx ghalfejn.

Is-socjeta' gabet lill-Emanuel Agius li qal illi huwa kien impjegat bhala *work manager* u kien involut fl-incident. Spjega illi wara li sar l-*iscarifying* tat-triq kien sabu li t-triq kienet ghadha mhix b'sahhitha bizzejjed u nghataw struzzjonijiet u permess sabiex ihaffru izjed. Qal ukoll illi qabel il-bankina kienet diga nbidlet. Il-permess ghal aktar fond inghata mill-ADT. Spjega illi l-*cable* intlaqat f'zewg postijiet. Huwa kompla jispjega illi la darba l-*cable* intaqat biss f'zewg postijiet u mhux it-tul kollu allura l-*cable* ma kienx f'livell wiehed. Fir-ritratti li

pprezenta dan ix-xhud jidher illi l-iscarifyer nizel 54cm taht il-bankina.

Fis-16 ta' Novembru, 2011 xehed id-Direttur tas-socjeta' konvenuta Hector Camilleri li spjega illi s-socjeta' konvenuta giet inkarigata mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex issir mill-gdid Triq il-Parrocca. L-istruzzjonijiet kienu li jhaffru 33cm taht il-wicc pero wara li saru t-testijiet inghataw struzzjonijiet biex jinzlu iktar peress illi t-triq ma kinitx lesta u b'sahhitha. Huwa xehed illi filfatt haffru 1cm inqas milli kellhom jinzlu u mhux suppost li sabu *cables* f'dan l-oghli.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda prodotti mill-partijiet u wara li ra d-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet jidhirlu illi t-tqeghid tal-*cable* sar minn min sar ma sarx fil-fond uniformi u lanqas ma sar fil-fond ezatt illi kellu jsir. Wiehed ma jistax jghati laxk f'dan it-tip ta' kejl meta l-kuntrattur kien marbut b'millimetri kemm ghandu jhaffer.

Jirrizulta illi l-*cable* ma ntaqatx b'mod uniformi izda intlaqat f'zewg postijiet. Dan juri illi l-*cable* ma kienx ghaddej f'livell wiehed. Kien ghalhekk illi t-Tribunal ma jistax jara illi l-hsara li saret setghet tigi evitata mis-socjeta' konvenut u dan tenut tal-fatt ukoll illi s-socjeta' konvenuta kellha l-permessi biex thaffer iktar fil-fond minn dak mitlub fil-bidu. Minkejja dan is-socjeta' konvenuta haffret 1cm inqas milli suppost u xorta sabet il-*cable* li suppost kellu jkun iktar fil-fond.

It-Tribunal ghal dawn il-motivi jaqta u jiddecidi illi jichad it-talbiet attrici u jiddikjara li l-hsara li sehhet ma setghetx tigi evitata mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------